MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## GINO CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 690/2002/1

**Lloyds (Malta) Limited, bhala rappresentant *ex lege* ta' JRN Collyear, membru ta' Lloyds li jifforma fl-esteru is-*syndicate* bin-numru 1243 u jopera bl-isem Euclidian Underwriting Ltd., u Millenium Insurance Agency Limited bhala rappresentanti lokali tal-istess Euclidian Underwriting Ltd. – Syndicate 1243 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Eurostar Communications (Malta) Limited**

**vs**

**Air Malta plc**

**Il-Qorti**

**Rat** li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-28 ta' Marzu 2012 ippronunzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti,*

*Rat l-avviz in esami li bih l-atturi fil-kwalitajiet taghhom premessi talbu sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess atturi s-somma ta' tlett elef tlieta u erbghin lira sebgha u tmenin centezmu (Lm3043.87c) in linea ta' danni, ammont sborsat minnhom a favur l-assikurat taghhom bhala indennizz wara li dan garrab nuqqas minn konsenja ta' modules ghal satellite receivers li waslet Malta fil-25 ta' Novembru 2001 fuq titjira Nru KM147 tas-socjeta' konvenuta minn Parigi, liema merkanzija baqghet fil-kustodja tal-istess socjeta' konvenuta sa ma giet konsenjata bin-nuqqas lill-importatur, prevja dikjarazzjoni li ghal dan in-nuqqas kienet unikament responabbli l-istess socjeta' konvenuta.*

*Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta.*

*Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 8 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-*

1. *Illi preliminarjament trid tigi ppruvata r-responsabblita' tas-socjeta' konvenuta.*
2. *Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ssib li b'xi mod is-socjeta' konvenuta kienet responsabbli skond il-kundizzjoni ta' garr, ghandha tapplika l-Konvenzjoni ta' Varsavja ghal-likwidazzjoni tad-danni, f'dal-kaz ghoxrin dollaru ($20).*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Rat l-atti kollha tal-kawza.*

*Semghet it-trattazzjoni.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi Joseph Mallia (fol 12 et seq ibid) bhala 'managing director' tas-socjeta' attrici nomine et spjega illi, f'dan il-kaz, l-oggetti assikurati kienu 'five cartoons Modules for satellite receivers' u dawn kellhom jingiebu f'Malta minn Franza permezz ta' titjira tal-linja tal-ajru 'Air Malta' numru KM147. Wara li din il-merkanzija waslet f'Malta fil-27 ta' Novembru 2001, din tpoggiet fil-'cargo section' tas-socjeta' konvenuta. Meta minn, hawnhekk, rappresentant tas-socjeta' assikurata kien mar sabiex jirtira l-istess merkanzija, nstab li kien hemm kaxxa minnhom li kienet miftuha waqt li l-ohrajn kienu intatti. L-istess merkanzija giet irtirata wara li l-istess linja tal-ajru kienet irrilaxxat certifikat li fuqu kienu indikati l-oggetti neqsin. Inoltre hawnhekk kien sar ukoll 'survey' meta l-oggetti kienu fil-pussess tas-socjeta' assikurata u a bazi tar-rapport sottomess, kien sar risarciment ta' Lm3043. 87 (ara d-dokumenti annessi a fol 15 sa fol 25 ibid). In kontro esami, hu sostna illi kien nhareg l-'airway bill' izda qatt ma kien gie informat li kien hemm 'package limitation clause' u b'hekk din il-kwistjoni setghet kienet soggetta ghal 'Warsaw' skond hu, ma kienx jaf li kienet tapplika din il-kondizzjoni. Xhud iehor, prodott mis-socjea' attrici nomine kien Bhargava Ramudu Vasagiri, impjegat mas-socjeta' assikurata (fol 26 et seq ibid) u dan ikkonferma dak li xehed ix-xhud precedenti dwar 102 oggetti li nstabu neqsin. Inoltre is-'surveyor' Paul Ellul (fol 31 et seq ibid) ikkonferma r-rapport tieghu esebit a fol 15 et seq ibid u ssottolinea li a bazi tal-'airway bill' imsemmi u li jinsab a fol 22 ibid seta jistabilixxi l-merkanzija waslet f'Malta '… minghajr hsarat gew nuqqasijiet' (ara, ukoll, id-Damages/Losses certificate' mahruga mill-istess kumpanija tal-ajru u li jinsab a fol 21 ibid). Il-'manager' tal-'cargo claims' tal-'Air Malta' Saviour Mallia (fol 34, fol 43 u fol 60 et seq ibid) ikkonferma li mill-istess 'airway bill', il-merkanzija in esami '…. Kienet tajba' ….. ' meta accettajna ….' l-istess oggetti (ara fol 37 ibid). Jigi notatat illi l-istess xhud esebixxa d-dokumenti a fol 51 u fol 52 ibid, konsistenti f''remittance advice', 'cheque' ghall-ammont ta' Lm63 u 'covering letter' esebiti kollha 'in fotokopja', kollha mibghuta mill-linja tal-ajru involuta lis-socjeta' assikurata direttament. Hawnhekk jinghad illi a bazi tal-'Warsaw Convention', ir-responsabilta tal-istess linja tal-ajru ma kellhiex teccedi USD20. Inoltre il-piz tal-merkanzija nieqsa kien 7 kilogrammi u ghalhekk l-istess responsabilta kienet limitata sal USD140. Konsegwentement kien intbaghat l-imsemmi 'cheque' ' in full*

*and final settlement' u li gie msarraf . Ix-xhud issottolinea li 'Wara dan il-pagament , il-klijent qatt ma gielura sabiex jaghmel xi pagament; (ara, ukoll, ghal kull bon fini dak li xehed Victor Gruppetta in rappresentanza tad-Dipartiment tad-Dwana, a fol 53 et seq ibid). Dwar l-imsemmi pagament b''cheque', dan kien a bazi tal-'conditions of contract' fil-Konvenzjoni citata bl-'Air Malta' konsiderata bhala 'air line' u mhux 'holder in bond', applikabbli minn meta issir l-accettazzjoni tal-merkanzija sar rilaxx taghha skond l-imsemmi 'airway bill' li fuq wara jkun hemm il-kundizzjonijet ta' dan il-'Conract' (ara fol 37 'a tergo').*

*Ikkunsidrat*

*Illi, wara riassunt tal-provi l-Qorti ghandha tiddeciedi jekk:-*

*a) hiex applikabbli f'dan il-kaz il-klawsola ta' limitazzjoni, fir-responsabilta skond il-Konvenzjoni citata u l-'airway bill' imsemmi.*
*b) Jekk sarx pagament a saldu meta ssarraf ic-'cheque' imsemmi.*

*Illi dwar l-ewwel (1) punt, il-Qorti b'certa diffikola, qrat il-kondizzjonijiet fuq in-naha ta' wara tal-istess 'airway bill'. Sfortunatament, il-parti li hi relevianti ghal dan il-kaz, in-naha ta' fuq fuq il-lemin hi imqatta izda il-Qorti setghet tara li jinghad li l-konvenzjoni tista' ('may') tkun applikabbli. Inoltre mill-provi jidher li gie pruvat, fuq bazi ta' probabilta, illi l-oggetti naqsu waqt li kienu jinsabu fil-'cargo section' tal-'Air Malta' fl-ajruport l-antik f'Hal Luqa u wara li kienu tnizzlu mill-ajruplan. F'dan l-istadju, is-socjeta' konvenuta kienet obbligata li tiehu il-misuri kollha sabiex tigi salvagwardata l-integrita tal-merkanzija u kien jispetta lilha li tipprova li dawn il-misuri, effettivament, ittiehdu da parti taghha, bhala depozitarju tal-oggetti li naqsu.*

*Illi, in rigward it-tieni (2) punt, dan il-pagament kien sar bhala fatt izda minhabba li s-socjeta' konvenuta kienet qed issostni li kienet applikabbli f'dan il-kaz, il-klawsola tal-'limitation of liability' skond il-konvenzjoni. Kif di gja gie deciz ma jidhirx li din il-klawsola hi applikabbli f'dan il-kaz u ghalhekk ma jistax jigi ritenut illi l-pagament li sar lis-socjeta' assikurata ghandu jigi ritenut a saldu ta' kull pretensjoni tas-socjeta' attrici nomine.*

*Ikkunsidrat*

*Illi dwar l-ammont pretiz, hemm provi sufficjenti in sostenn tieghu.*

*Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici nomine et is-somma ta' Lm3043.87 ossija €7090.31 bl-imghax legali mill-25 ta' Novembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta'din il-procedura."*

**Rat** li s-socjeta' konvenuta Air Malta plc hassitha aggravata b'din is-sentenza u interponiet appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors tal-appell tal-imsemmija socjeta' appellanti fejn gie premess:-

Illi dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati illi biha l-konvenuta appellanta ġiet ordnata tħallas is-somma ta' €7,090.31 f'danni rappreżentanti valur ta' *modules* għal *satellite receivers* li allegatament naqsu meta kienu fil-kustodja tal-appellanta.

**1.0 It-talba, l-eċċezzjonijiet u s-sentenza appellata**

Illi preliminarjament trid tigi ppruvata r-responsabblita' tas-socjeta' konvenuta.

Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ssib li b'xi mod is-socjeta' konvenuta kienet responsabbli skond il-kundizzjoni ta' garr, ghandha tapplika l-Konvenzjoni ta' Varsavja ghal-likwidazzjoni tad-danni, f'dal-kaz ghoxrin dollaru ($20).

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi fil-kors tas-smiegħ tal-provi kien xehed rappreżentant tal-AirMalta plc, Saviour Mallia, imressaq mill-atturi appellati illi *inter alia* kien xehed illi l-konvenuta Air Malta

plc kienet ħallset lill-assikurata tal-atturi, ċjoe Eurostar Communications (Malta) Limited, is-somma ta' Lm 63 (illum ekwivalenti għal €146.75) assaldu tal-pretensjonijiet tagħha. Il-ħlas sar b'ċekk datat 18 ta' Diċembru, 2011. Iċ-ċekk issarraf u fi kliem Saviour Mallia "il-klijent qatt ma ġie lura wara".

Illi in vista ta' din ix-xhieda, il-kumpanija appellanta talbet b'rikors tal-11 t'April, 2005, li ġie milqugħ mill-Ewwel Onorabbli Qorti, illi titħalla teċċepixxi ulterjorment illi:- t-talbiet tal-attriċi huma insostenibbli stante illi l-assigurata Eurostar Communications (Malta) Limited kienet ġiet risarċita għas-saldu tal-pretensjonijiet tagħha u għalhekk il-jeddijiet li ġew surrogati lill-attriċi kienu estinti, kif jirriżulta *a fol 52*.

Illi l-eċċezzjoni msemmija ġiet preżentata nhar is-26 ta' Settembru, 2005.

Illi sussegwentement, kompla l-ġbir tal-provi ***senjatament dwar l-eċċezzjoni ulterjuri***. Fis-seduta tal-24 t'April, 2006 il-konvenuta iddikjarat illi m'għandhiex aktar provi *b'referenza għan-nota t'eċċezzjonijiet ulterjuri* u għalhekk il-kawża tħalliet għall-5 ta' Ġunju, 2006 għall-provi tal-attriċi dwar l-eċċeezjoni ulterjuri u trattazzjoni. Fil-fatt, f'dik il-kawża wara illi l-attriċi iddikjarat illi ma għandhiex provi *dwar l-eċċezzjoni ulterjuri*, saret trattazzjoni u l-kawża ġiet differita għas-sentenza. Għalkemm il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ġunju, 2006 ma jispeċifikax li s-sentenza kellha tkun limitata għall-eċċezzjoni ulterjuri, dan jista' jiftiehem mill-iżvolġiment tas-seduti, minn fejn jirriżulta illi (i) il-konvenuta qatt ma ressqet xhieda dwar il-mertu u (ii) illi d-dikjarazzjonijiet li saru mill-partijiet dwar l-għeluq tal-provi kienu dejjem jirreferu espliċitament għall-*provi dwar l-eċċezzjonijiet ulterjuri*. Dan huwa loġiku għaliex jekk tintlaqa' l-eċċezzjoni ulterjuri ma kienx ikun hemm in-neċessità illi l-Qorti tikkunsidra l-mertu.

Illi nhar it-28 ta' Marzu, 2012, ngħatat deċiżjoni li fiha l-Ewwel Onorabbli Qorti, filwaqt illi inaspettatament naqset illi tagħmel referenza għall-eċċezzjoni ulterjuri tas-26 ta' Settembru, 2005, iddeċidiet il-każ fil-mertu u dan mingħajr ma kienu qatt ngħalqu l-provi fil-mertu u/jew il-partijiet ittrattaw il-mertu.

Illi f'din is-sentenza, il-Qorti ikkonkludiet illi l-esponenti appellant hija responsabbli għan-nuqqasijiet sofferti mill-assikurat tal-atturi. Iddeċidiet ukoll illi l-klawżola ta' *limitation of liability* taħt il-Konvenzjoni ta' Varsavja mhijiex applikabbli. Barra minn

hekk, għalkemm il-Qorti naqset illi tagħmel referenza għall-eċċezzjoni ulterjuri tal-Air Malta, effettivament ippronunzjat ruħha dwar il-mertu ta' din l-eċċezzjoni meta qalet illi, ladarba l-*quantum* tal-pagament assaldu ġie ikkalkulat fuq il-bażi tal-*limitation of liability* u ladarba, skont il-Qorti, din il-*limitation* ma kellhiex tapplika f'dan il-każ, mela l-pagament ma jistax jitqies illi sar assaldu.

GĦal dawn ir-raġunijietil-Qorti laqgħet it-talbiet attriċi u ikkundannat lill-konvenuta sabiex tħallas lil-atturi is-somma ta' Lm 3,043.87 ossija € 7,090,31 bl-imgħax legali mill-25 ta' Novembru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjeż.

## 2.0 L-appell u l-aggravji

Illi l-esponenti ħasset ruħha aggravata minn din is-sentenza u minnha qed tinterponi dan l-umili appell. L-aggravji tal-esponenti *nomine* huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

(i) In-nullità tas-sentenza appellata, stante l-Qorti għaddiet biex tiddeċiedi l-mertu tal-każ meta kellha tiddeċiedi biss l-eċċezzjoni ulterjuri
(ii) In-nullità tas-sentenza stante illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset illi tagħmel referenza speċifika għall-eċċezzjoni ulterjuri kif formulata, bi ksur tal-Artiklu 218 tal-Kap 12.
(iii) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Qorti jidher illi aċċettat illi bħala fatt kien sar pagament assaldu lill-assikurat tal-atturi, u li dan il-pagament ġie aċċettat. L-ewwel Qorti però kienet bir-rispett żbaljata illi dan il-pagament m'għandux jiġi ritenut assaldu.
(iv) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, abbażi tal-provi illi laħqu tressqu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex issib lill-appellanta responsabbli u, *dato ma non concesso* illi l-appellanta kienet responsabbli, kellha tapplika l-*limitation of liability* skond il-kundizzjoni ta' Varsavja.

## 3.0 Sottomissjonijiet Legali

L-appellanta sejra issa tindirizza l-aggravji fuq imsemmija, fl-istess ordni illi ġew proposti

*Il-Qorti ddeċidiet il-mertu tal-każ meta kellha tiddeċidiedi biss l-eċċezzjoni ulterjuri.*

Illi b'lealtà lejn il-Qorti, l-appellanta tinnota illi fil-verbal tas-seduta tal- 5 ta' Ġunju, 2006 meta l-kawża tħalliet għas-sentenza, ma ġiex speċifikat illi d-deċiżjoni kellha tkun biss dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-esponenti.

Madanakollu, l-avukat sottofirmat Joseph Camilleri, illi kien preżenti għas-seduta msemmija, jista' jikkonferma illi ġie trattata biss l-eċċezzjoni ulterjuri tal-appellanta. Inoltre, kemm dan kien il-każ jista' jiġi dedott mill-assjem tal-verbali tas-seduti. Jirriżulta ċar, ngħidu aħna, illi l-ġbir tal-provi ngħalaq biss *fir-rigward tal-eċċezzjoni ulterjuri*. Fil-fatt, saret emfażi fil-verbali tas-seduti tas-26 ta' Settembru, 2005, tal-11 ta' Jannar, 2006, tal-24 t'April 2006, tal-11 ta' Jannar, 2006, tal-24 t'April, 2006 u tal-5 ta' Ġunju, 2006 illi d-dikjarazzjoni tal-għeluq tal-provi *kienet tirreferi biss u speċifikament għall-eċċezzjoni ulterjuri*. Mill-bqija, fir-rigward tal-mertu u tal-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuta appellanta, l-appellanta qatt ma ressqet provi (għajr kontroeżamijiet) u ċertament illi qatt ma ressqet sottomissjonijiet orali jew bil-miktub.

Illi kif intqal, kien hemm raġuni loġika għalfejn il-Qorti kellha l-ewwel tiddeċiedi l-eċċezzjoni ulterjuri. Fil-qosor, bl-eċċezzjoni ulterjuri tagħha l-appellanta qed issostni illi, ladarba l-assikurata tal-atturi kienet irċeviet riżarċiment assaldu, il-jeddijiet tagħha ġew estinti u ma setgħetx sussegwentement tittrasferihom lill-atturi. Għalhekk billi l-atturi aġixxew fil-vesti ta' "surrogati fid-drittijiet" tal-assikurata, isegwi illi t-talbiet tagħhom kienu wkoll estinti. Huwa ċar illi jekk il-Qorti tilqa' din l-eċċezzjoni lanqas kien ikollha għalfejn tikkunsidra l-kwestjoni tar-responsabbilità, u kien għalhekk loġiku illi din il-kwestjoni tiġi deċiża qabel ikomplu jinġabru l-provi dwar il-mertu.

Illi l-fatt illi l-Qorti "issorprendiet" lill-appellanta meta ddeċidiet il-każ fil-mertu minflok speċifikament l-eċċezzjoni ulterjuri mhux biss jirrendi d-deċiżjoni proċeduralment irregolari, iżda wkoll effettivament ċaħħad lill-appellanta mill-jedd tagħha għal smiegħ xieraq. Dan għaliex l-appellanta mhux biss ma kinitx għalqet il-provi kollha tagħha iżda wkoll ma kinitx ressqet sottomissjonijiet, ħlief dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tagħha.

Illi l-appellant iżżid tgħid illi f'dan il-każ m'hemmx lok illi s-sentenza tiġi "salvata" skond id-dispost tal-Artiklu 790 tal-Kap 12[1]. L-ewwelnett l-appellanta tissottometti bir-rispett illi s-sentenza mhijiex "ġusta fis-sustanza tagħha", għal raġunijiet illi ser jiġi spjegata f'aktar dettall aktar 'il quddiem. It-tieninett, in-nuqqas proċedurali li qed tilmenta minnu l-appellanta jippreġudika l-jedd tagħha għal smiegħ xieraq. F'dan ir-

[1] **790.** Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza ta' l-ewwel qorti hija *extra petita* jew *ultra petita* jew fuq kull difett ie]or li jippreġudika l-jedd ta' smiegħ xieraq.

rigward issir referenza għal dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell Inferjuri f'ċirkustanzi simili fil-każ Zampa v Meliton Group Limited[2] :

Jidher manifestament kemm mill-verbali ta' l-ewwel Qorti, riprodotti mis-socjeta` appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha, kif ukoll koncess mir-risposta ta' l-appell ta' l-attur, illi l-kawza kienet iddifferita ghad-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' l-inkompetenza.

Ragonevolment, allura, kien mistenni li l-ewwel Qorti ma tghaddix f' dik l-istess decizjoni biex tiddetermina wkoll l-eccezzjonijiet l-ohra;

Nonostante li l-attur jirrikonoxxi li seta' kien hemm din lirregolarita`, huwa, imbaghad, jissottometti illi n-nullita ma ghandhiex tigi attiza jekk is-sentenza tinsab li hi sostanzjalment gusta u sorretta mill-provi prodotti. B' din is-sottomissjoni l-attur jikkollega ruhu ghal dak dispost fl- Artikolu 790 tal-Kapitolu 12. Dan jipprovdi illi meta quddiem qorti fi grad ta' appell tingieb 'il quddiem l-eccezzjoni tan-nullita` tas-sentenza appellata, dik l-eccezzjoni m' ghandhiex tintlaqa jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha. Evidentement, pero`, tali dispost ma jieqafx hawn. Jissokta jtenni "hlief jekk l-eccezzjoni tkun ibbazata fuq nuqqas ta' gurisdizzjoni jew

fuq nuqqas ta' citazzjoni, jew fuq illegittimita` tal-persuna jew fuq li s-sentenza ta' l-ewwel qorti hija *extra petita* jew *ultra petita* jew fuq kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta' smigh xieraq." (sottolinejar tal-Qorti);

Kif saput, bi "smigh xieraq" wiehed ma jfisserx biss illi jigi akkordat lil parti d-dritt li tressaq il-provi li tixtieq tipproduci izda wkoll li dik il-parti tinghata l-opportunita` ragonevoli li taghmel is-sottomissjonijiet kollha favur it-tezi taghha. Fil-hsieb tal-Qorti meta s-sentenza okkupat ruhha u ddecediet ukoll it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet minghajr ma s-socjeta` konvenuta nghatat il-beneficcju li tressaq, kif jixraq, il-veduti taghha fir-rigward, dik il-parti tas-sentenza ma tistax, ghal din ir-raguni, titqies gusta in kwantu tilledi proprju l-jedd ta' smigh xieraq ta' l-istess socjeta`. Huwa il-kaz ghalhekk li din il-parti tas-sentenza tigi annullata u latti rimessi lura lill-ewwel Qorti ghal konsiderazzjoni u definizzjoni minnha taz-zewg eccezzjonijiet wara li tisma' x' ghandhom x' jghidu l-partijiet dwarhom.

[2] 14 ta' Marzu, 2007

Dwar dan l-istess punt, il-Qorti tal-Appell (Inferuri) osservat kif ġej fid-deċiżjoni *Carlos Agius v John Cardona et* [3]

Una volta stabbilit li s-sentenza kellha tkun limitata ghal punti diskussi u xejn aktar minn hekk, ikollu jinghad b' ripetizzjoni ta' certa osservazzjoni rakkolta mill-gurisprudenza illi "din mhix kwestjoni ta' semplici vjolazzjoni ta' forma, f' liema kaz din il-Qorti ma kienetx tannulla s-sentenza hlief jekk jidhrilha illi fis-sostanza mhix gusta. Hawn si tratta ta' sentenza illi ma messhiex u ma setghetx legalment tinghata fic-cirkostanzi fuq imsemmija." Ara fost ohrajn "**Markis Anthony Cassar Desain *et* -vs- Giovanni Pace *nomine***", Appell Civili, 4 ta' Dicembru 1964; "**Mary Brincat -vs- Charles Wismayer *nomine***", Appell Kummercjali, 30 ta' Novembru 1973 u "**Saviour Chircop *et* -vs- Avv. Dottor Rene` Frendo Randon *nomine***", Appell Civili, 12 ta' Ottubru 1979;

*Nullità stante illi l-Qorti naqset illi tagħmel referenza għall-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuta.*

Illi l-artiklu 218 tal-Kap 12 jistipula illi:

**218.** Fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u għandu jkun hemm fiha wkoll riferenza għall-proċedimenti, għat-talbiet ta' l-attur u għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut… [emfażi miżjuda]

Illi fis-sentenza appellata, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset illi tirreferi għall-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuta jew imqar illi ssemmi illi kienet tressqet dinl-eċċezzjoni ulterjuri.

Illi huwa minnu illi fil-kunsiderazzjonijiet tagħha l-Ewwel Qorti identifikat bħala wieħed mill-punti illi kellhom jiġu deċiżi f'din il-kawża "jekk sarx pagament a saldu meta ssarraf iċ-cheque". Stranament però il-Qorti m'għamlitx dan fid-dawl tal-eċċezzjoni tal-konvenuta kif formulata imma "wara riassunt tal-provi". Fil-fatt, il-Qorti baqgħet ma għamlitx referenza għall-pern tal-eċċezzjoni ulterjuri, ċjoe jekk setgħetx issir surroga tal-jeddijiet tal-assikurata wara li din kienet irċeviet pagament assaldu.

Illi dan jirrendi s-sentenza appellata nulla stante illi proċeduralment irregolari.

Illi f'dan ir-rigward, l-esponenti tirrileva illi billi l-Qorti naqset illi tikkunsidra eċċezzjoni tal-konvenuta u mhux talba tal-attriċi ma japplikawx ir-rimedji previsti fil-

[3] 12 ta' Diċembru, 2007.

liġi *ab omissa decisione* u għalhekk jiġi sottomess illi m'hemmx alternattiva għajr illi s-sentenza appellata tiġi dikjarata nulla. [4]

*Fil-mertu – il-ħlas li kien sar mill-appellanta lill-assikurat tal-atturi nomine għandu jitqies illi kien assaldu*

Illi għalkemm, kif ġa ntqal, il-Qorti naqset illi tagħmel referenza għall-fatt li ġiet ippreżentata eċċezzjoni ulterjuri mill-appellanta, xorta fil-kunsiderazzjonijiet tagħha esprimiet ruħha dwar il-kwestjoni tal-ħlas li sar minn Air Malta plc assaldu tal-pretensjonijiet ta' Eurostar Communications (Malta) Limited.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti osservat kif ġej:

Illi in rigward it-tieni (2) punt [ċjoe, jekk sarx pagament a saldu meta ssarraf iċ-cheque msemmi] dan il-pagament kien sar bħala fatt iżda minħabba li s-soċjetà konvenuta kienet qed issostni li kienet applikabbli f'dan il-każ il-klawżola tal-"limitation of liability" skond il-KOnvenzjoni. Kif ġja ġie deċiż ma jidhirx illi din il-klawżola hi applikabbli f'dan il-każ u għalhekk ma jistax jiġi ritenut illi l-pagament li sar lis-soċjetà assikurata għandu jiġi ritenut a saldu ta' kull pretensjoni tas-soċjetà attriċi *nomine*.

Illi bir-rispett l-appellanta ma taqbilx ma din il-konklużjoni. Qabel xejn l-appellanta ssostni illi japplika l-*limitation of liability* skond il-Konvenzjoni ta' Varsavja. Fi kwalunkwe każ però l-esponenti tissottometti illi l-applikabilità o meno tal-limitazzjoni hija irrelevanti għall-kwestjoni tal-ħlas a saldu.

Illi hemm diversi sentenza tal-Qrati nostrani illi jidħlu fil-kwestjoni ta' ħlas a saldu. Hawnhekk se ssir referenza għas-sentenza *Fithome Limited v Galaxy Holiday Resorts Limited* [5] li fiha tiġi ikkwotata każistika ulterjuri.

Illi kwindi l-kwistjoni kollha hi ladarba s-socjeta` attrici sarrfet ic-*cheque* imsemmi – meta kellha indikazzjoni cara li l-ammont kien qed jithallas *in full and final settlement* (Dok A a fol 12 tal-process) – anki jekk dan ghamlitu bla pregudizzju (Dok AF2 a fol 36 tal-process) dan ifisser illi tkun tilfet id-dritt ta' kwalunkwe bilanc iehor li tkun qed tirreklama?

Illi din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza "**Dr Stefan Camilleri LL.D. noe vs Calbros Ltd**" (2 ta' Dicembru 1999 – Cit Nru 1616/98/RCP) ikkwotat mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Novembru 1986 fl-ismijiet "**William Apap vs Joseph Galea et noe**" fejn intqal hekk: "*Infatti jekk id-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u*

[4] Cf. Louis Pace v Alfred Theuma, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 07.07.2003

[5] Prim Awla tal-Qorti Ċivili, 24.05.2001

*indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b'kondizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma offerta ta' pagament a saldu*".

Illi f'dan il-kaz ikkwotat il-konvenut nomine akkompanja c*cheque* b'ittra li ma kienitx thalli dubju dwar x'mod ta' pagament kien qed jigi offert. Illi fil-kaz odjern is-socjeta` konvenuta mac-*cheque* li ntbaghat kien akkompanjat b'ittra fejn fl-ahhar paragrafu kien hemm hekk: "*Consequently please find our cheque number 10111 for Lm3147.32 in full and final settlement of the account*".

Fl-istess kaz tal-Qorti tal-Appell kien inghad li:

"*Il-pagament ma giex offert b'xi riserva favur l-appellant li ghalhekk, jekk kellu pretensjonijiet ohra oltre dak li kien qed jigi offert lilu ma kellux isarraf ic-cheque li baghtlu l-konvenut nomine*".

Dan kollu gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tas-6 ta' Mejju 1991, fil-kawza fl-ismijiet "**Francis Penza vs John Mallia**"; u mill-Qorti Civili Prim' Awla fis-sentenza fl-ismijiet "**Raymond Bonnici noe vs Horace Tonna**" – 24 ta' April 1992 – JSP – il-Qorti rriteniet illi:

"*Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-intenzjoni tal-attur nomine kienet cara, kif lanqas jista' jkun hemm dubju li lkunsens tal-kreditur konvenut seta' kien vizzjat minn xi zball invincibbli li l-offerta kienet qed issir biss akkont tal-ammont minnu pretiz. Hu naturali li zball jew injoranza ta' ligi bl-ebda mod ma jistghu jiggustifikaw il-pretensjoni talkonvenut li, effetivament, bl-eccezzjoni li taha, qed isostni li hu kellu kull dritt li jaccetta pagament ghas-saldu bhala pagament akkont b'decizjoni unilaterali tieghu u li setgha jaghmel dan sempliciment billi jikkomunika lid-debitur kif u taht liema modalita` hu sarraf ic-cheque. Posizzjoni din legalment insostenibbli*".

Illi ricentement fi "**Trinatours Limited vs Martin Camilleri**" (Avviz Nru 524/98/DM – 27 ta' April 2001), il-Magistrat Dennis Montebello kkwota diversi sentenzi. Huwa rrefera ghall-kawza fl-ismijiet "**St George's Park Company Limited vs Eric Pace Bonello noe**" –

(Avviz 966/97) deciza fit-12 ta' Jannar 2001 mill-istess Qorti fejn intqal: *"Din il-posizzjoni diga giet ikkunsidrata diversi drabi mill- Qorti taghna u l-gurisprudenza prepoderanti f'kwistjonjiet simili hija illi jekk il-kreditur jaccetta pagament mibghut lilu ghas-saldu ikun qieghed jikkonferma illi b'dak il-pagament ikun inqatel id-dejn u ma jistax jippretendi huwa li jkun baqghalu kreditu ghall-bilanc".*

Minn dan wieħed jista' jiddeduċi illi l-elementi biex ħlas jiġi ikkunsidrat ħlas a saldu huma s-segwenti:

(i) Illi d-debitur jew allegat debitur joffri pagament
(ii) Illi fil-mument meta l-pagament jiġi offert, id-debitur jindika b'mod ċar u inekwivoku illi l-ħlas qed jiġi offert *in full and final settlement*
(iii) Illi l-kreditur jaċċetta dak il-pagament. Fuq dan il-punt, hemm każistika illi stqarret illi jekk kreditur jirċievi pagament però jirriserva d-drittijiet ulterjuri tiegħu dak il-pagament ma jitqiesx assaldu[6]. Madanakollu, il-pożizzjoni stabbilita hija illi una volta pagament ġie offert a saldu, il-kreditur ma jistax jaċċettah b'riservi[7]. Fi kwalunkwe każ, mill-provi jirriżulta l-assikurat tal-atturi aċċetta l-ħlas mingħajr ebda riserva.

Illi l-bażi jew metodu tal-kalkolu tal-*quantum* tal-ħlas offert assaldu ma għandu ebda relevanza biex jiġi determinat jekk ħlas għandux jitqies *in full and final settlement* jew le. Minn imkien fil-liġi u/jew fil-każistika nostrana ma jirriżulta illi l-Qorti, biex tiddeċiedi ħlas sarx a saldu, għandha tindaga dwar kif ġie ikkalkulat l-ammont offert. Fil-każ in eżami, il-konvenuta ħasset illi għandha tispjega illi l-ħlas offert ġie ikkalkulat abbażi tal-*limitation of liability* taħt il-Konvenzjoni ta' Varsavja. Dal-punt pero mhuwiex determinanti għall-kwestjoni dwar jekk il-ħlas għandux jiġi ritenut a saldu.

Illi mill-provi li tressqu għandu jirriżulta ċar illi l-elementi neċessarji biex il-ħlas jitqies a saldu kollha ippruvati:

- Sar ħlas lil Eurostar Communications (Malta) Limited permezz ta' ċekk ta' Lm 63, datat 18 ta' Diċembru, 2001 (fol 51)
- Iċ-ċekk kien akkumpanjat b'ittra datata 15 ta' Jannar, 2002 fejn ġie indikat b'mod ċar illi l-ħlas qiegħed isir *in full and final settlement* (fol 52)
- Iċ-ċekk issarraf mill-kumpanija Eurostar Communications (Malta) Limited (ara xhieda ta' Saviour Mallia tal-20 ta' Jannar, 2005)
- Il-pagament ġie aċċettat mingħajr ebda riserva – fi kliem Saviour Mallia "il-klijent qatt ma ġie lura wara".
- Isegwi illi l-jeddijiet ta' Eurostar Communications (Malta) Limited fil-konfront tal-konvenuta ġew estinti bil-pagament imsemmi.

---

[6] Johann Schembri *pro et noe* v Charlot Mifsud *noe*, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 19.10.2005

[7] St George's Park Company Limited v Eric Pace Bonello, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 15.03.2002

- Id-*Discharge and Subrogation Form* a favur tal-kumpaniji atturi ġie iffirmat fl-1 ta' Frar, 2002, meta ormai l-assikurata ma kien għad fadlilha ebda jedd fil-konfront tal-konvenuta (a fol 25)

  Għalhekk l-esponenti tissottometti illi l-atturi, illi qed jaġixxu bħala *surrogati fid-drittijiet tal-assikurat tagħhom*, qatt ma jistgħu jirnexxu fit-talbiet tagħhom għax qatt ma setgħu jiġu surrogati fi drittijiet illi kienu ormai estinti!

*L-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex issib lill-appellanta responsabbli u, dato ma non concesso illi l-appellanta kienet responsabbli, kellha tapplika l-limitation of liability skond il-Konvenzjoni ta' Varsavja.*

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-appellanta qiegħda wkoll tikkontesta d-deċiżjoni tal-Qorti fir-rigward ta' responsabbilità u fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Varsavja.

Illi tenut kont tan-natura tal-aggravji preċedenti u tal-fatt illi l-esponenti qatt ma ressqet provi jew sottomissjonijiet dwar dawn il-punti, f'dan l-istadju l-appellanta mhijiex sejra tittratta l-aggravju preżenti f'dettall, għalkemm lesta tagħmel dan jekk tiġi ordnata minn din l-Onorabbli Qorti. Madanakollu, għal kull bwon fini, l-appellanta sejra tindika fil-qosor għalfejn bir-rispett ma taqbilx ma' din l-Onorabbli Qorti.

<u>Responsabbilità</u>

Il-provi jindikaw illi l-merkanzija naqset meta kienet fil-*bonded stores* [ara xhieda ta' Saviour Mallia a fol 44 sa 47]. Issa ġie spjegat mill-istess Saviour Mallia [xhieda tat-28 ta' Jannar, 2004] illi għalkemm l-*warehouse* in kwestjoni "hija tal-Airmalta" "hija ikkontrollata kemm mill-Air Malta u kemm mid-Dwana". Mallia spejga wkoll illi l-movimenti tal-istess merkanzija jsiru fil-preżenza ta' uffiċjali tad-Dwana.

L-atturi ma seħħilhomx juru illi l-oġġetti naqsu bħala konsegwenza ta' xi nuqqas min-naħa tal-Airmalta plc u, fl-agħar ipoteżi, jekk hemm xi responsabbilità min-naħa tal-AirMalta, għandha tittieħed in kunsiderazzjoni wkoll ir-responsabbilità tad-Dwana.

Applikabilità tal-*limitation of liability* skont il-Konvenzjoni ta' Varsavja

Illi jidher illi l-Qorti waslet għall-konklużjoni li ma tapplikax il-*limitation of liability* abbażi ta' żewġ kunsiderazzjonijiet (i) l-Airway Bill jgħid illi l-Konvenzjoni "*may* apply" u (ii) ladarba l-oġġetti naqsu mill-*cargo section* tal-Airmalta biex tkun tista' tinvoka l-limitazzjoni ta' responsabbilità l-appellanta kellha turi li ttieħdu miżuri min-naħa tagħha biex tipproteġi l-merkanzija.

Illi għandu jingħad l-ewwelnett l-atturi u xhieda minnhom imressqa ma jikkontestawx illi l-Konvenzjoni kienet applikabbli [ara xhieda ta' Joseph Mallia fol 13, "Jiena ngħid li la darba ħareġ l-Airway Bill il-każ in kwestjoni kien soġġett għal Warsaw Convention"].

Illi tajjeb ukoll illi l-*Warsaw Convention* del resto kienet tapplika *ex lege* u għandha titqies parti mil-liġi Maltija. Fil-fatt, din kienet ġiet estiża għall-Malta mill-Gvern Kolonjali ("The Carriage by Air Colonies, Protectorates and Trust Territories " Order, 1953) u baqgħet fis-seħħ anke wara d-dħul fis-seħħ ta' l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili. Sussegwentement, din il-Kovenzjoni ġiet ratifikata mill-Gvern Malti nhar is-27 ta' Jannar, 1986 [8] u baqgħet tapplika għal ġarr ta' merkanzija bejn destinazzjonijiet Ewropej sad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni ta' Montreal skond l-Avviż Legali 154 ta' l-2006. Għaldaqstant, il-kuntratt ta' ġarr lit a lok għal dawn il-proċeduri kien ċertament regolat mill-Konvenzjoni ta' Varsavja.

Il-klawżola tal-*limitation of liability* hija stabbilita fil-Konvenzjoni ta' Varsavja u allura għandha titqies applikabbli.

Illi fuq il-kwestjoni li l-Airmalta kellha tipprova illi "ħadet misuri bħala depożitarja", jista' jkun, għakemm mhuwiex ċar, illi l-Qorti qed targomenta illi l-Airmalta kellha teskludi illi kien hemm *willful misconduct* min-naħa tagħha. Dwar dan l-appellanta tissottometti illi din hija

Prova …. li trid dejjem issir mill-parti avversa fil-litigazzjoni u mhux mill-vettural imħarrek.[9]

Dan huwa prinċipju stabbilit anke mill-awturi dwar is-suġġett:

[8] Arva Insurance Agency noe v Air Malta Company Limited, Qorti ta' l-Appell, 28/01/2005

[9] *Atlas Insurance Agency noe v Express Trailers Limited,* Qorti ta' l-Appell (Inferjuri), 18/05/2005

Wilful misconduct or equivalent default must be proved by the party alleging it, usually the claimant [10]
Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-appellanta ttenni huwa inkorrett illi wieħed jgħid illi l-Airmalta hija depożitarja għaliex il- *bonded stores* huma wkoll taħt il-kontroll tal-awtoritajiet doganali.

Ghal dawn nir-ragunijiet is-socjeta' appellanti qed titlob li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddeċiedi l-każ hija stess billi tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri msemmija u tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi *jew* tibgħat lura l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex tkun tista' tingħata sentenza dwar l-eċċezzjoni ulterjuri.

**Rat** ir-risposta tal-appell tas-socjeta' appellata nomine fejn gie sottomess:-

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati ordnat lis-soċjeta' konvenuta odjerna sabiex tħallas is-somma ta' €7,090.31 f'danni lill-esponenti, liema sentenza hija ġusta u timmerita konferma.

Illi l-aggravji mressqa mis-soċjeta' konvenuta appellanti huma s-segwenti:

i. In-nullita' tas-sentenza appellata, stante l-Qorti għaddiet biex tiddeċiedi l-mertu tal-każ meta kellha tiddeċiedi biss l-eċċezzjonjiet ulterjuri;
ii. In-nullita' tas-sentenza stante illi l-ewwel Qorti naqset illi tagħmel riferenza speċifika għall-eċċezzjoni ulterjuri kif formulata, bi ksur tal-Artikolu 218 tal-Kap. 12.
iii. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Qorti jidher illi aċċettat illi bħala fatt kien sar pagament għas-saldu lill-assikurat tal-atturi, u li dan il-pagament ġie aċċettat. L-ewwel Qorti pero' kienet bir-rispett żbaljata illi dan il-pagament m'għandux jiġi ritenut għas-saldu.
iv. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, abbażi tal-provi illi laħqu tressqu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex issib lill-appellata responsabbli u, *dato ma non concesso* illi l-appellata kienet responsabbli, kellha tapplika l-*limitation of liability* skond il-kundizzjoni ta' Varsavja.

[10] Ngħidu aħna, Clarke, M.A., International Carriage of Goods by Road, Sweet and Maxwell, Londra, 1997, par 101, pġ 379:

**L-Ewwel Aggravju -** In-nullita' tas-sentenza appellata, stante l-Qorti għaddiet biex tiddeċiedi l-mertu tal-każ meta kellha tiddeċiedi biss l-eċċezzjonjiet ulterjuri;

Illi dwar in-nullita' tas-sentenza ssir riferenza għall-Art.790 tal-Kap. 12 illi jaqra:

"Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tingieb 'il quddiem eccezzjoni tan-nullita` tas-sentenza appellata, dik l-eccezzjoni **ma ghandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha**, hlief jekk l-eccezzjoni tkun ibazata fuq nuqqas ta' gurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' citazzjoni, jew fuq illegittimata` ta' persuna jew fuq li ssentenza ta' l-ewwel qorti hija *extra petita* jew *ultra petita* jew fuq kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta' smigh xieraq." (enfasi ta' l-esponent)

Illi gialadarba n-nullita' pretiża mhiex waħda min dawk it-tleita, anki jekk din l-Onorabbli Qorti kellha tasal biex issib in-nullita' allegata, li ċertament m'hux il-każ, madanakollu, dak li l-Qorti tasal biex tiddeċiedi jiddependi mill-ġustizzja sostanzjali tas-sentenza.

Illi fil-fehma umli tal-esponenti l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament dettaljat, ġust u raġonevoli tal-provi mressqa mill-partijiet u ddeċidiet il-każ skond il-liġi, u għalhekk is-sentenza timmerita li tiġi kkonfermata.

Illi l-fatt li l-aggravju m'huwiex marbut ma xi allegata leżjoni tad-dritt tas-smiegħ xieraq huwa biżżejjed biex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tiċħad dan l-ewwel aggravju senjatament bl-applikazzjoni tal-artikolu 790 tal-Kap. 12. Madanakollu, għal kull buon fini, l-esponenti sejrin jgħaddu biex jagħmlu is-sottomissjonijiet tagħhom ukoll dwar jekk s-soċjeta' intimata appellanti ingħatatx o meno d-dritt tas-smiegħ xieraq.

Illi mill-verbali tal-ewwel kawża jirriżulta ampjament ċar illi s-soċjeta' konvenuta ingħatat kull opportunita' biex tippreżenta l-provi tagħha dwar il-mertu tal-każ odjern u kif ukoll dwar l-eċċezzjoni ulterjuri.

Bħala riassunt tal-verbali tal-ewwel Onorabbli Qorti għandu jingħad illi l-verbal tas-26 ta' Settembru 2005 senjatament jaqra: ***"Is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex aktar provi ma l-eccezjonijiet ulterjuri****."* Illi għaldaqstant huwa ċar illi f'dan l-istadju, l-provi tas-soċjeta' konvenuta kienu ġew konklużi u ma kien għad fadal xejn x'jiġi trattat għajr l-eċċezzjoni ulterjuri mressqa mis-soċjeta' konvenuta.

Illi fil-11 ta' Jannar 2006, il-kawża ġiet differita għall-24 t'April għall-provi tas-socjeta' kovenuta dwar l-eċċezjoni ulterjuri in eżami, liema provi ġew konklużi dakinhar[11] u sussegwenetement il-kawża ġiet differita għall-5 ta' Ġunju 2006 għall-provi tas-soċjeta' attriċi dwar l-eċċezjoni ulterjuri u għat-trattazjoni. Dan il-verbal ma jillimitax ruhu għat-trattazjoni dwar l-eċċezjoni ulterjuri u fil-fatt, u anke għall-raġunijiet li ser jiġu spjegati iktar 'l isfel, saru trattazjonijiet dwar il-meritu f'din l-istess seduta.

Illi l-Verbal tal-5 ta' Ġunju 2006 jaqra:

Meta ssejhet il-kawza deher Dr Joseph Zammit Mckeon ghas-soċjeta' attriċi.

Deher Dr Joseph Camilleri ghas-socjeta konvenuta. Is-socjeta attrici tiddikjara li ma ghandiex provi dwar l-eccezzjoni ulterjuri.

**Saret trattazzjoni.**

**Il-kawza differita ghat-30 ta' Ottubru 2006 ghas-sentenza.**

Illi l-verbal tal-5 ta' Ġunju 2006 imkien ma jispeċifika illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet ser tgħaddi għas-sentenza limitatament dwar l-eċċezzjoni ulterjuri. Illi kieku dan kien il-każ l-istess kellu jirriżulta espliċitament mill-verbal u mhux, skond ma qed tipprova targomenta l-konvenuta *de quo* miċ-ċirkostanzi u mill-fattispeċje tal-każ.

---

[11] Ara verbal 24 t'April 2006: Meta ssejhet il-kawza deher Dr Joseph Zammit Mckeon ghas-socjeta attrici. Deher Dr Joseph Camilleri ghas-socjeta konvenuta. B'referenza ghan-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri is-socjeta konvenuta tiddikjara li ma ghandiex aktar provi.

Illi kieku d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti kellha tkun limitata għall-eċċezzjoni preliminari preżentata mill-konvenuta, l-ewwel Qorti kellha l-fakolta' kollha biex tagħmel tali rimarka u saħansitra tali deċiżjoni. Tenut kont ta' dan kollu, fl-umli fehema tal-esponenti, ma kien hemm l-ebda irregolarità proċedurali hekk kif allegat mis-soċjeta' appellanti intimata.

Illi għaldaqstant fil-fehema tal-esponenti l-ewwel sentenza timmerita konferma propju għaliex mhux biss hija ġusta fil-mertu iżda ukoll għar-raġuni li s-soċjeta konvenuta appellanti kellha kull opportunita' biex tippreżenta l-provi tagħha u kien propju b'nuqqas tagħha li ma ġewx preżentati tali provi u għaldaqstant tali ċirkostanzi ma jistgħux, bl-ebda tiġbid tal-imaġinazzjoni jinkwadraw ruħhom bħala xi leżjoni għad-dritt tas-smiegħ xieraq.

**It-Tieni Aggravju -** *In-nullita' tas-sentenza stante illi l-ewwel Qorti naqset illi tagħmel riferenza speċifika għall-eċċezzjoni ulterjuri kif formulata, bi ksur tal-Artikolu 218 tal-Kap. 12.*

Illi s-soċjeta konvenuta appellanti fir-rikors tal-appell tagħha tagħti bħala *concesso* illi l-ewwel Onorabbli Qorti fil-kunsiderazzjonjiet tagħha kienet identifikat id-diverġenza dwar jekk kienx sar pagament għas-saldu jew le, u cioe' id-diverġenza li dwarha tressqet l-eċċezzjoni ulterjuri mill-konvenuta, bħala wieħed mill-punti li kellhom jiġu deċiżi.

Illi ssir riferenza għall-kawża deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-4 ta' Ġunju 1946[12] fejn intqal is-segwenti:

Il-pronunċja tal-Qorti fuq talba, jew-meta l-liġi ma tirrikjedix diversament-fuq eċċezzjoni proposta, **tista' tkun impliċita**. U dan jiġri meta din il-pronunċja tkun konsegwenza neċessarja tal-pronunċja espressa. F'dan il-każ ikun biżżejjed li mill-parti razzjonali tas-sentenza jkun jidher li tkun giet meħuda in kosiderazzjoni t-talba jew l-

[12] Kollezz. Volume 32D (1946), Part No. 2, Section , Page 370

eċċezzjoni, impliċita milqugħa jew miċħuda, ossija li jkun inżamm kont tagħhom, sabiex ma jkunx hemm vjolazzjoni tad-dispozizzjoni tal-liġi li tgħid li s-sentenza għandha qabel xejn ikun fiha r-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat il-pronunċja tagħha.

Illi ma jistax jingħad illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet injorat l-eċċezzjoni ulterjuri mressqa mis-soċjeta' konvenuta. Illi din l-eċċezzjoni kienet taqra:

It-talbiet attriċi huma insostennibli stante illi l-assigurata Eurostar Communications (Malta) Limited kienet ġiet risarċita għas-saldu tal-pretensjonijiet tagħha u għalhekk il-jeddijiet li ġew surrogati lill-attriċi kienu estinti, kif jirriżulta a fol 52.

Illi għall-kuntrarju ta' dak li tissottmetti s-soċjeta' konvenuta fir-rikors tal-appell tagħha, l-ewwel Onorabbli Qorti fil-fatt bil-fors kellha tagħmel riferenza għall-eċċezzjoni ulterjuri mressqa minnha stante li din kienet intrinsikament u intimament konnessa mal-mertu tal-proċeduri odjerni.

Tant hu hekk illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt tasal għall-deċiżjoni dwar din l-eċċezzjoni mingħajr ma tikkonsidra l-mertu tal-każ odjern. L-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt raġonevolment tiddeċiedi jekk l-azzjoni kienetx diġa ġiet estinta mingħajr ma tiddeċiedi ukoll jekk kienetx applikabbli l-konvenzjoni ta' Varsavja għaċ-ċirkostanzi odjerni; partikolarment meta hu tenut kont tal-fatt illi l-ħlas sar b'riferenza diretta u għab-bażi tal-*limitation of liability clause* tal-Konvenzjoni ta' Varsavja. Għaldaqstant biex tiddeċiedi jekk kienx sar ħlas għas-saldu jew le, l-ewwel Onorabbli Qorti kellha bil-fors tiddeċiedi jekk kienetx tapplika l-Konvenzjoni *o meno*.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għall-konklużjoni li l-pagament ma setax jitqies illi sar għas-saldu stante li fid-deċiżjoni tagħha din kienet qieset li l-*limitation of liability clause* skond il-Konvenzjoni ta' Varsavja ma kienetx applikabbli għall-każ odjern.

Ir-*ratio decidendi* u kif ukoll id-deċiżjoni finali li waslet għaliha l-Ewwel Onorabbli Qorti juru *di natura prioprio* illi l-eċċezzjoni ulterjuri imressqa mill-konvenuta kienet ġiet

mićħuda u fl-umli fehema tal-esponenti m'hemm l-ebda mod ieħor kif l-imsemmija deċiżjoni tista' tiġi interpretata.

Illi inoltre, u bid-dovut rispett lejn is-soċjeta' appellanti, fl-umli fehema tal-esponenti l-ewwel Onorabbli Qorti qajla kellha għalfejn tagħmel referenza aktar minn dik li għamlet. Is-surroga tas-soċjeta appellata tiddependi għall-kollox fuq deċiżjoni dwar din il-vertenza u deċiżjoni fuq l-effettivita' tas-surroga hija għaldaqstant bil-fors konsegwenti u derivanti minn deċiżjoni dwar dik il-vertenza.

Illi għal kull buon fini, ssir riferenza ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Mifsud Et Noe Vs Emanuel Mangion**[13] fejn dik l-Onorabbli Qorti pronunzjat ruħha kif ġej:

F'kull sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha. Għalkemm huwa desiderabbli u rakkomandabbli li tingħata motivazzjoni aktar espliċita f'każi fejn ikun hemm ġa' rapport peritali speċjalment meta jkun hemm punti legali li gew ikkunsidrati, b'dana kollu, gie kostantamet ritenut li r-rekwizit tal-motivazzjoni imposti bl-artikolu 218 tal-Kapitolu 12 ikun sodisfatt meta l-Qorti tiddikjara li taqbel mar-rragunijiet moghtija mill-pert legali. B'hekk l-stess ragunijiet moghtija mill-perit legali jkunu saru tal-Qorti wkoll. **Fil-prattika dan isir a skans ta' qabda repetizzjonijiet u ma jimportax in-nullita' tas-sentneza.**

Illi l-esponenti jissottomettu ulterjorment illi tenut kont tal-fatt illi l-allegata nullita' tas-sentenza hija bbażata **speċifikament** fuq in-nuqqas ta' referenza għall-eċċezzjoni ulterjuri, gialadarba din m'hiex waħda mit-tliet raġunijiet tassativi għall-pronunzja ta' nullità skond l-Art. 790 tal-Kap. 12, fl-umli fehema tal-esponenti, dan l-aggravju għandu jiġi mićħud ukoll.

**TIELET AGGRAVJU** – *fil-mertu illi l-ħlas li kien sar mill-appellanta lill-assikurat tal-atturi nomine għandu jitqies li kien għas-saldu;*

---

[13] Joseph Mifsud Et Noe Vs Emanuel Mangion, Qorti tal-Appell (Ċivili, Superjuri), per l-Imħallfin Carmel Agius, Joseph Herrera u Wallace Gulia, 1 ta' Ġunju 1988

Illi dwar dan l-aggravju, ssir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Agius Marble Works Limited vs AX Construction Limited"**[14] fejn ingħad illi "socjeta *attrici li ħarget ricevuta għas-saldu u "declares there are no other pending claims of any nature" u wara tassew jirrizulta li saru xogħolijiet oħra li għalihom għadu ma sarx ħlas u għalhekk l-istqarrija li l-ħlas sar għas-saldu kienet żbaljata u r-riċevuta ma żżomx lill-attriċi milli titlob ħlas għal xogħol li għamlet u li għadha ma tħallsitx għaliha",* u f'din is-sentenza l-istess Qorti ghamlet referenza ghal decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tad-19 ta' Frar 1937 fl- ismijiet **"Emilia Bartoli vs Av. Dr Eduardo Vassallo".**

Illi barra minn hekk issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ deċiża fit-3 ta' Jannar 1898 fl-ismijiet "Gollcher vs Gollcher" (Kollez, Vol. XVI, III, p 160) li rriteniet illi

*"se l'attrice dimostri che nel conto vi sono errori, ommisioni, falista' o duplicazioni di partite, le sarebbe lecito rilevare e farle correggere; perche se le convenzioni delle parti sono autorevoli, e' piu autorevole ancora la verita' dei fatti – veritas rerum erroribus gestarum non vitiatur "*

Illi ssir riferenza ukoll għall-kawża deċiża minn din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, fl-ismijiet Schembri Johann Pro Et Noe Vs Mifsud Charlot Pro Et Noe Et[15] fejn kien ġie deċiż illi:

Huwa veru li in linea ta' massima hu prezunt li min jaccetta, u jsarraf ukoll, cheque lilu mibghut fit-termini "full and final settlement" jigi li hu rċeva pagament f' dawk l-istess termini preċiżi. Dan jibqa' hekk pero` sakemm ma jiħix muri illi min irċevih ipprotesta dwar ħlas għal dan fil-mument opportun.

Illi din l-Onorabbli Qorti kienet stabbiliet ukoll illi fejn jirriżulta li sar tali protest, bħal ma fil-fatt seħħ fil-każ odjern, illi il- pagament li sar lid-ditta attrici f' dawk il-kontingenzi ma jistax ħlief jigi klassifikat bħala wieħed sempliċiment akkont, anke jekk l-ittra akkompanjanti c-cheque tgħid xort' ohra, jiġifieri li l-ħlas kien wieħed għas-

[14] Agius Marble Works Limited vs AX Construction Limited" (P.A (GCD) – 8 ta' Marzu 2005)

[15] Schembri Johann Pro Et Noe Vs Mifsud Charlot Pro Et Noe Et, Appell (Inferjuri), per l-Imħallef Philip Sciberras, 19 t'Ottubru 2005

saldu. Illi fl-umli fehema tal-esponenti, il-fatt waħdu illi kellhom jiġu istitwiti l-proċeduri odjerni hija l-manifestazzjoni ċara li c-cheque ricevut b' dawk il-kliem, u f' dawk it-termini, ma kienx intiż bħala aċċettazzjoni ta' ħlas għas-saldu. Illi għaldaqtant, fl-umli fehema tal-esponenti l-aggravju fuq dan il-punt ma jistax allura jircievi favor.

Illi mingħajr preġudizzju għall-dak suespost, ssir riferenza għall-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni ta' Varsavja li jaqra hekk:

*1. The carrier is liable for damage sustained in the event of the destruction or loss of, or of damage to, any registered luggage or any goods, if the occurrence which caused the damage so sustained took place during the carriage by air.*

*2. **The carriage by air within the meaning of the preceding paragraph comprises the period during which the luggage or goods are in charge of the carrier, whether in an aerodrome** or on board an aircraft, or, in the case of a landing outside an aerodrome, in any place whatsoever.*

Illi teżisti ġurisprudenza li tagħmel linja ta' demarkazzjoni ċara dwar l-applikabilita' tal-konvenzjoni. Illi dan l-artikolu jitkellem dwar merċje li tkun "**in charge of the carrier"** u **"within an aerodrome".** Illi fil-kawżi fl-ismijiet *Hitachi Data Systems v. Nippon Cargo Airlines Co. Ltd.*[16]*, Rite Corporation v. Burlington Air Express Ltd.*[17] u kif ukoll *Victoria Sales Corp. v. Emery Air Freight, Inc* [18] kien ġie deċiż kjarament illi fejn id-dannu huwa pruvat li seħħ barra mill-konfini tal-ajruport, il-Konvenzjoni ma tapplikax, anka jekk id-dannu seħħ ġo post viċin tal-ajruport.

[16] *Hitachi Data Systems v. Nippon Cargo Airlines Co. Ltd* AVI 18433 (D.C.N.Y. 1995).

[17] Rite Corporation v. Burlington Air Express Ltd. 186 F.3d 1190 (9th Cir. 1999)

[18] *Victoria Sales Corp. v. Emery Air Freight, Inc.* 21 Avi. 18529 (D.C.N.Y 1989), 22 Avi. 17705 (D.C.N.Y. 1989).

Illi barra minn hekk fl-ittra datata 15 ta’ Jannar 2002 mibgħuta mis-soċjeta’ konvenuta lill-assigurat tal-esponenti, liema ittra tinsab a fol. 52 tal-proċess, jingħad hekk:

*As no value for carriage was declared on airwaybill and no valuation charge paid, in common with other international carriers, and within the provision of the Conditions of Contract established during the Warsaw Convention, Air Malta’s liability for Cargo shall not exceed USD 20 per kilo of goods lost or damaged.*

*Our records show that the weight lost was 7 kg and our maximum liability is therefore limited to USD 140.*

*Enclosed please find cheque for this amount in full and final settlement to your claim.*

Illi għaldaqstant huwa ċar illi l-pagament li sar mis-soċjeta’ konvenuta kien qed isir għab-bażi ta’ kwalsiasi *claim* li seta’ qatt kien hemm, **naxxenti mill-obbligi tagħha bħala *carrier* ai termini tal-*Warsaw Convention***. Illi kif tajjeb indikat l-ewwel Onorabbli Qorti fid-deċiżjoni tagħha:

“…dan il-pagament kien sar bħala fatt iżda minħabba li s-soċjeta’ konvenuta kienet qed issostni li kienet applikabbli f’dan il-każ, il-klawsola tal-‘limitation of liability’ skond il-konvenzjoni. Kif diġja’ ġie deċiż ma jidhirx li din il-klawsola hi applikabbli f’dan il-każ u għalhekk ma jistax jiġi ritenut illi l-pagament li sar lis-soċjeta’ assikurata għandu jiġi ritenut għas-saldu ta’ kull pretensjoni tas-soċjeta’ attriċi nomine.”

Illi ġialadarba il-pagament sar għab-bażi tal-Warsaw Convention, il-pagament ma jistax jitqies li sar għas-saldu tal-pretensjonijiet tal-esponenti stante illi r-responsabbilita’ addebitata lis-soċjeta’ konvenuta m’hiex għab-bażi ta’ nuqqas t’osservanza ta’ dik il-konvenzjoni iżda minħabba nuqqas tagħha fid-dmijiriet li kellha bħala *handler* u depositarja tal-oġġetti. Iż-żewġ pretensjonjiet huma għal kollox distinti minn xulxin u l-ħlas *għas-saldu* ta’ waħda fl-ebda ħin ma jista’ jiġi meqjus li jestingwi l-obbligazjonijiet spettanti lill-appellata mill-pretensjoni l-oħra. L-ammont pretiż mis-soċjeta’ appellata m’huwiex spettanti lilha għab-bażi tar-responsabbilitajiet li s-soċjeta’ konvenuta kellha

skond il-konvenzjoni, iżda huwa spettanti lilha minħabba li naqset fid-diligenza tagħha bħala depositarja waqt li l-merċje kienet fil-*bounded stores* tagħha.

Illi barra minn hekk issir riferenza ukoll għall-fol 37 'a tergo' fejn huma imnizzla l-kundizzjonijiet dwar l-Airway Bill. Illi fl-istadju meta l-merċje ġiet aċċettata fl-*istores*, l-Air Malta kellha tiġi kkunsidrata bħala *holder in bond* u mhux bħala *airline* (skond id-disposizzjonijiet tal-konvenzjoni ta' Varsavja). Is-soċjeta' konvenuta kellha tibqa' tiġi meqjusa bħala *holder in bond* sar rilaxx tal-merċje u għaldaqstant m'hiex applikabbli l-Konvenzjoni ta' Varsavja.

Illi għab-bażi ta' dak premess, fl-umli fehema tal-esponenti għandu jiġi miċħud ukoll it-tielet aggravju.

**Ir-Raba' Aggravju –** *L-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhix issib lill-appellanta responsabbli u, dato ma non concesso illi l-appellanta kienet responsabbli, kellha tapplika l-limitation of liability skond il-Konvenzjoni ta' Varsavja.*

Illi r-raba aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi fis-sens illi l-Ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament xieraq tal-provi mressqa. F'dan ir-rigward, gie kostantament ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma għandux normalment jiġi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u għandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn iċ-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvinċu lill-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant żbaljat illi altrimenti tkun ser tiġi krejata inġustizzja. Dan għaliex huwa ċar li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda *viva voce* u kienet f'qagħda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibbilta` *o meno* tagħhom. Vantaġġ li l-Qorti ta' l-Appell ġeneralment m'ghandhiex.[19]

[19] "Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg" (A.C. – 10 ta' Frar 1961); "Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella" (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001); "Carmelo Agius vs John Agius" (A.C. (Inferjuri) – 2 ta' Dicembru 1994); "Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe" (A.I. C. – 5 ta' Marzu 2003).

Illi ssir riferenza għas-sentenza surrefereta tal-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet **"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs AX Construction Limited"**[20] irrilevat illi:-

"Il-Qorti tal-Appell, bħala Qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ħlief meta jkun manifestament eżerċitat ħażin, jew għal xi motiv ieħor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bħala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel tribunal, jekk mhux għal motivi gravi".

Illi fil-fehma umli tal-esponenti ma hemm ebda motiv, gravi jew mod ieħor, li għandu jwassal lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddisturba l-eżerċizzju tad-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti, anzi, hemm raġunijiet sufficjenti biex din il-Qorti tasal għall-konkluzjoni li s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata.

Illi fil-kaz in ezami, is-socjeta` appellanti targumenta illi l-atturi naqsu milli jippruvaw il-każ tagħhom peress illi naqsu milli jippruvaw li l-oġġetti naqsu minħabba nuqqas min naħa tal-Air Malta. Illi fl-umli fehema tal-esponenti fil-fatt jirriżulta l-oppost mix-xhieda mgħotija u d-dokumenti preżentati fuq dan il-punt.

Illi mix-xhieda ta' Saviour Mallia mogħtija minnu fis-seduta tal-13 ta' Ottubru 2004, huwa xehed fis-sens illi:

**Peress li m'hemm l-ebda rimarka dwar il-kundizzjoni tax-xogħol, fuq id-dokument li esebejt, dan ifisser li x-xogħol, in bond, daħal tajjeb alavolja m'hemmx dikjarazzjoni dwar dan is-sens**. Jekk ikun hemm każ ta' merkanzija danneġġjata jinħareġ ċertifikat ieħor.

[20] Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs AX Construction Limited, Qorti tal-Appell, 4 ta' Lulju 2008, Appell Civili Nru: 284/2005/1.

Issa ser nesebixxi document in rigward ir-raba' talba fit-taħrika dwar damages/loss certificate. Dana jsir meta l-merkanzija tkun ħierġa mill-bond.

**Minn dan id-dokument irriżulta li kien hemm kaxxa miftuħa.** Fuq id-dokument li għandi issa kemm esebejt hemm imnizzel ukoll jekk kienx hemm xi losses. Fil-kolonna quantity and description – missing damaged items jidher li kien hemm one zero two (102) missing cards ekwivalenti għall-seven kilograms (7 kgs) missing. Hawnhekk ara discrepancy in weight. Dan id-dokument…huwa ffirmat minn rappreżentant tal-Air Malta, taħtu hemm counter signature tal-fizzjal ieħor tal-Air Malta u imbagħad fl-aħħar nett isfel hem mil-firma tal-consignee jew l-agent.

Illi għaldaqstant mill-provi prodotti ma jista' jkun hemm l-ebda dubju illi l-oġġetti naqsu waqt li kienu jinsabu fil-'*cargo seciton*' tal-'*Air Malta*' fl-ajruport l-antik f'Ħal Luqa wara li tniżżlu minn fuq l-ajurplan. Illi għaldaqstant kien l-obbligu tas-soċjeta konvenuta li tieħu dawk il-miżuri kollha neċessarji sabiex tissalvagwardja l-integrita' tal-merkanzija, ħaġa li evidentement naqset milli tagħmel.

Illi dwar dan l-aggravju ssir riferenza għad-dokument li jinsab a fol. 21 tal-proċess li huwa *Damages/Losses Certificate* maħruġ mis-soċjeta' appellanti li mhux biss jindika illi nstab li kien hemm merċje nieqsa wara li din kienet ġiet iddepożitata fil-*bonded stores*, liema stores jifformaw parti mill-*cargo section* tal-kumpanija konvenuta. Barra minn hekk, tali ċertifikat huwa ukoll iffirmat minn uffiċjal tal-linja tal-ajru.

Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal dak fuq espost l-Air Malta f'dan il-kaz ma tistax tipprevalixxi ruhha minn din id-difiza billi hi mhux *carrier* imma *handler*. Illi ssir ampja referenza għall-kawża **"Alexander Nandwani vs. Joseph N. Tabone *nomine*"**[21] deċiża fis-16 ta' Marzu 1993, liema kawza kienet titratta kwistjoni identika għal dik mertu ta' din il-kawza fejn is-socjeta` attrici kienet qed timporta merkanzija minn barra.

[21] Alexander Nandwani vs Joseph N. Tabone noe (Q.K. – 16 ta' Marzu 1993.

Illi fl-imsemmija kawża, il-merkanzija ġiet trasportata minn *carrier* Air Ewrope li wasslet il-merkanzija fil-mitjar ta' Malta li giet *handled* mill-Air Malta sakemm din waslet għand l-importatur. F'ċirkostanza identika, irriżulta li kien hemm nuqqas fil-merkanzija u sussegwentement l-importatur ħarrek lill-Air Malta biex tagħmel tajjeb għal tali nuqqasijiet. L-Air Malta da parti tagħha eċċepiet li skont il-Warsaw Convention is-socjeta` attrici kellha tinformaha fi zmien 14-il gurnata minn meta waslet il-merkanzija. **F'dan il-kaz il-Qorti ċaħdet din l-eccezzjoni tal-Air Malta billi qalet li l-konvenzjoni msemmija ma kinetx tapplika għas-soċjeta` Air Malta billi r-rwol tagħha fil-kwistjoni kien wieħed ta' *handler* u mhux ta' *carrier***.

Illi l-affidament tal-merkanzija timporta li l-linja ta’ l-ajru għandha wkoll bi dmir tikkustodihom sal-wasla tagħhom fid-destinazzjoni. Dan hu ben indott b’ analogija mill-provvedimenti ta’ l-Artikoli 1628 u 1629 tal-Kodici Civili.[22]

Illi *ai termini* tal-**artikolu 1628 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** l-vetturali *"Huma obbligati għat-telf tal-ħaga fdata lilhom, u għall-ħsarat li jiġru fiha, meta ma jippruvawx li l-ħaġa ntilfet jew ġratilha ħsara b'aċċident jew b'forza maġġuri u mingħajr ħtija tagħhom."*

L-inosservanza ta’ l-obbligi kontrattwali sija jekk ghandhom rapport mal-kuntratt tal-garr jew tad-depozitu, jew id-dewmien fl-ezekuzzjoni taghhom jirrendi lil min hu hekk obbligat passabbli ghad-danni. Dan kemm taht l-imsemmija Konvenzjoni kif ukoll taht il-principji generali tad-dritt (Artikolu 1133, Kodici Civili);

Illi l-istess *ratio deċidendi* ġie adoperat minn din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, fil-kawża fl-ismijiet **SMS Insurance Agency Limited noe vs Airmalta et**[23]Illi

[22] Cordina Insurance Agency Ltd ghal Versicherongs-Ailtiengesellschaft Sovag vs Air Malta plc, Qorti tal-Appell (Inferjuri), per l-Imħallef Philip Sciberras, 1 ta’ Novembru 2006

[23] SMS Insurance Agency Limited noe vs Airmalta et Qorti tal-Appell (Inferjuri), per l-Imħallef Raymond C. Pace, 1 ta’ Ġunju 2009

huwa palesi mill-fatti suesposti li kwalsiasi dannu jew serq arrekat fuq il-merkanzija sar meta l-merkanzija kienet fil-pussess u r-responsabbilta` tas-socjeta` intimata appellant u li ghalhekk, din ghandha twiegeb ghall-istess danni jew serq. Illi għalhekk għandu jiġi miċħud ukoll ir-raba' aggravju.

Għalhekk is-socjeta' appellata tissottometti li l-appell għandu jigi michud bl-ispejjeż a karigu tal-appellant.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell u l-atti kif kompilati quddiem l-Ewwel Qorti,

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Rat** il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Dicembru 2012.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Fl-ewwel aggravju taghha s-socjeta' konvenuta appellanti tissottometti li l-s-sentenza appellata hi nulla stante li l-Ewwel Qorti kellha tiddeciedi biss l-ecczzjoni ulterjuri, mentri għaddiet sabiex tiddeċiedi l-mertu tal-każ. Fl-eċċezzjoni ulterjuri l-istess appellanti ssostni illi una volta li l-assikurati tas-soċjetà attriċi appellata irċeviet riżarċiment għas-saldu, il-jeddijiet tagħha ġew estinti u ma setgħetx sussegwentament tgħaddihom lill-atturi.

Ghal dan l-ewwel aggravju tal-appellanti, s-socjeta' appellata tirrispondi li l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ġunju, 2006, f'liema seduta l-kawza giet differita ghas-sentenza, ma hemmx speċifikat illi d-deċiżjoni kellha tkun biss dwar l-eċċezzjoni ulterjuri.

Inoltre l-appellati jkompli jissottometu li skond l-Artikolu 790 tal-Kap 12. in-nullita' allegata mhux inkluza fl-effetti tal-imsemmi artikolu.

Minn ezami tal-atti quddiem l-Ewwel Qorti jirrizulta, in partikolari mill-verbali tas-seduti, li f'dik tas-26 ta' Settembru 2005 (fol.68) is-socjeta konvenuta ddikjarat li kienet għalqet il-provi taghha dwar l-eċċezzjoni ulterjuri. Sussegwentement fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2006 (fol.72), il-kawża giet differita għall-kontinwazzjoni u inoltre reġa ġie verbalizzat li kienu ngħalqu l-provi dwar l-eċċezzjoni ulterjuri. Fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2006 (fol.76) is-socjeta' attrici appellata kompliet tipproduci l-provi taghha dwar l-eċċezzjoni ulterjuri u d-difensuri tal-partijiet ittrattaw oralment. Fl-istess seduta is-socjeta attriċi vverbalizzat li ma kelliex aktar provi dwar l-eċċezzjoni ulterjuri.

Fir-rigward tal-imsemmija seduta tal-5 ta' Gunju 2006 ma giex speċifikat li t-trattazzjoni orali kienet dwar l-eċċezzjoni ulterjuri. F'dan ir-rigward is- socjeta' appellanti ssostni li giet trattata esklusivament l-eċċezzjoni ulterjuri. Dwar dan l-appellati naqsu li jikkummentaw.

Kwindi jirrizulta li sakemm il-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza, l-Ewwel Qorti kienet qed tigbor biss l-provi dwar l-eċċezzjoni ulterjuri. Inoltre l-process kollu sa l-istadju li l-kawza giet differita ghas-sentenza jindika li kienet qed tigi ttrattata biss l-istess eccezzjoni ulerjuri. Minn dan jidher li l-partijiet setghu kienu, bir-ragun kollu, taht l-impressjoni li d-differiment kien sabiex tinghata s-sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri.

Jirrizulta ghalhekk li s-soċjetà appellanti ma ngħatatx l-opportunita' li tipproduci provi dwar il-mertu u dwar l-eċċezzjonijiet l-oħra sottomessi minnha, mentri in effett bid-decizjoni appellata gie deciz il-meritu tal-kawza.

Kif gia rilevat fl-imsemmi verbal tas-seduta tal-5 ta' Ġunju 2006, il-kawża tħalliet għas-sentenza, pero' ma ġiex speċifikat dwar liema kwestjoni kienet ser tinghata s-sentenza u in partikolari ma giex specifikat li kenet ser tinghata s-sentenza dwar l-eċċezzjoni ulterjuri. Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, ghal din il-Qorti hu car li l-intenzjoni kienet li s-sentenza li kienet ser tinghata kienet limitata ghall-eċċezzjoni ulterjuri. In effett mill-imsemmija verbali tas-seduti mizmuma mill-Ewwel Qorti jirrizulta li sa dak l-istadju kienu saru biss

provi dwar l-ewwel eċċezzjoni. Inoltre jidher ukoll li t-trattazzjoni kienet biss dwar l-eccezzjoni ulterjruri. Hu zgur li s-socjeta' appellanti ma nghatatx l-opportunita' tikompleta l-provi la fuq il-meritu u lanqas fuq l-eccezzjonijiet rimanenti mentri l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tiddeciedi l-mertu. Lanqas ma nghatat l-opportunita' lis-socjeta' aooellanti biex tipproduci provi ulterjuri dwar il-meritu jew li taghmel sottomissjonijiet dwar il-kwestjonijiet l-ohra kollha involuti fil-kaz. Hu ovvju li dan kollu jammonta għal nuqqas serju proċedurali li ma jistax jitħalla għaddej.

Ghalhekk is-sentenza appellata timmerita li tigi annullata parzjalment u cioe' fejn jikkoncerna l-mertu u l-eċċezzjonijiet. Dak li gie deciz mill-Ewwel Qorti dwar l-eccezzjoni ulterjuri ghandu jibqa fis-sehh stante li dik il-parti tas-sentenza appellata timmerita li tigi konfermata. Konsegwentement l–atti ghandhom jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex il-kawza tkompli tinstema u tigi deciza skond kif trid il-ligi.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tilqa in parte l-appell tas-socjeta appellanti billi tirrevoka u tannulla dik il-parti tas-sentenza fejn gie deciz il-mertu u l-eccezzjonijiet u tordna li l-atti tal-kawza jigu rimessi lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex il-kawza tkompli tinstema u tigi deciza skond il-ligi.

L-ispejjez kollha ta' dan l-appell jithallsu mill-partijiet bin-nofs bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------